MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 151/1996/1

**Seduta tad-9 ta' Dicembru 2003**

**Citazzjoni numru 151/1996**

**Dr Sandra Caruana ghan-nom u in rapprezentanza ta' GDL Trading & Services Limited**

**-vs-**

**David Portelli**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut prodotti igenici li jammontaw ghal tliet mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm324).

Illi minkejja interpellat ihallas il-kont, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talbet li dina l-Onorabbli Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm324) dovuti bhala prezz ta' servizzi igenici provduti mis-socjeta' attrici skond il-prospett esebit Dokument A, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali bl-imghaxijiet kalkolati mill-kontijiet relattivi, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata. Il-lista tax-xhieda u d-dokument anness.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut David Portelli fejn ecepixxa:

1. in linea preliminari c-citazzjoni hija monca billi s-socjeta' attrici qeghdha titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tliet mija u erbgha u ghoxirn liri Maltin (Lm324) minghajr ma qeghdha titlob dikjarazzjoni jekk is-somma pretisa hijiex dovuta u li hija dovuta mill-konvenut.

2. In linea preliminari ukoll in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju billi s-socjeta' attrici ma tistax ticcita lill-konvenut wahdu minghajr l-intervent ta' martu fil-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet l-eccipjent m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici stante illi huwa qatt ma xtara ebda oggetti minghand il-kumpanija izda se mai kienet il-kumpanija Restaurants & Hotels Caterers Company Limited li kellha l-operazzjoni u l-gestjoni tal-Lukanda Duke of Edinburgh illi kienet ordnat u ghamlet dawn l-akkwisti.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt l-ghaliex la l-esponent u lanqas il-kumpanija msemmija m'ghandhom jaghtu xejn lill-kumpanija attrici.

5. Salvi eccezzjonijeit ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Dina hija kawza fejn l-attrici qeghdha titlob il-hlas ta' tliet mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm324) allegatament dovuti mill-konvenut bhala import ta' bejgh u konsenja ta' prodotti igenici fil-lukanda 'Duke of Edinburgh'. Stante r-rinunzja tal-konvenut ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu l-pern tal-kawza tinsab ristretta u tistrieh esklussivament dwar jekk l-attrici rnexxiet tipprova, almenu sal grad tal-probabbli, li l-ammont hu dovut mill-konvenut u dana fid-dawl tat-tielet u r-raba eccezzjonijiet. Hu risaput li "ei incumbit probatio qui dici, non ei qui negat". Ghalhekk kien fuq l-attrici l-oneru tal-prova, u li biex tirnexxi fl-azzjoni taghha, kienet mehtiega tipprova mhux biss li l-ammont hu dovut izda li hu dovut mill-konvenut kif citat. Issa mill-provi ghandu jirrizulta wisq car li l-attrici ppruvat biss li dan l-ammont minnha pretiz hu dovut izda falliet fil-prova li hu l-konvenut citat li ghandu jhallas.

Inghad dan u billi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt jemergi tant palesament mill-provi, mhuwiex il-kaz li tiddilunga oltre fid-deliberazzjonijiet taghha.

Qeghdha ghalhekk taqta' u tiddeciedi billi tichad t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------